

# Fabbrika tas-silġ f'Malta

*Lorenzo Zahra*

Ħafna jiftakru meta f'Malta ma kienx hawn tant *fridges* bħalma nsibu llum, prattikament f'kull dar. Dari, rari wieħed kien ikollu dawn il-ħtiġijiet fid-dar u għalhekk ħafna kienu jixtru s-silġ biex iżommu ħwejjeġ tal-ikel friski. L-ewwel fabbrika tas-silġ f'Malta kienet saret fil-Marsa, meta l-familja Caruana mill-Kottonera daħlet għal din il-biċċa xogħol u, skont il-ġurnal *Corriere Mercantile Maltese* tas-26 ta' Jannar 1880, kienet infetħet fabbrika għal dan l-għan. Kienet xi ħaġa ġdida li bil-mod għenet sabiex iseħħu iktar żviluppi ġodda.

It-Tieni Gwerra Dinjija ġarrfet għal kollox il-fabbrika unika li kellna hawn Malta. Dan seħħ nhar l-4 ta' Lulju 1942. Iżda, wara li għaddiet il-gwerra, is-sidien ħasbu sabiex mill-ġdid jerġgħu bħal qabel jipprovdu dan is-silġ tant meħtieġ l-aktar minħabba s-sħana li taffettwana fis-sajf. Il-familja Caruana qabbdet lill-Perit Mercieca u dan ħa ħsieb ikabbar il-post. Il-fabbrika l-ġdida nfetħet lejn tmiem April 1947. Issa, naturalment, ġiet magħmula b'mod iktar modern, b'makkinarju mid-ditta Brittanika York Shipley. Dan ippermetta produzzjoni ta' 30 tunellata silġ kuljum. Kienet ukoll l-ewwel fabbrika li nbniet mill-ġdid wara l-gwerra u ġiet inawgurata bit-tberik u permezz ta' festin ħelu.

Ta' min isemmi li l-Maltin, minn żmien ilu, kienu kapaċi għal dan ix-xogħol tant li fil-Marsa kien hemm ukoll maħżen li fih kienu jsiru bankijiet li kienu jservu ta' *fridges* u jintużaw ħafna mill-ħwienet. Kien hemm, fost oħrajn, ditta qadima magħrufa bħala Frizoll, immexxija mis-Sur Falzon mill-Birgu li baqgħet sal-lum tipproduċi xogħol f'dan il-qasam. Il-kumpanija maż-żmien irrilokat għal Raħal Ġdid.

Illum, dan ix-xogħol żviluppa wisq iktar permezz tal-importazzjoni, iżda wieħed xorta waħda jrid jgħid kemm din l-industrija tal-manifattura tas-silġ baqgħet iżżomm l-importanza tagħha, u fil-każ tal-fabbrika ta' Telgħet Spencer, din iddiversifikat u spiċċat timmanifattura l-ġelati kif ukoll timporta u taħżen l-ikel. Il-magni baqgħu hemm jaqdu funzjonijiet ġodda.

**Sors:** *Corriere Mercantile Maltese 26 Gennaio 1880*
*Il-Berqa, 1 ta' Mejju 1947*

